**Direzzjoni minn Mr Speaker mogħtija fis-Seduta 25 tat-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2013 dwar il-mistoqsijiet supplimentari.**

Is-Sedja tixtieq tagħmel din il-kjarifika, jew aħjar direzzjoni, wara li fis-seduta parlamentari li għaddiet is-Sedja qajmet il-kwestjoni dwar kif jista' jintuża l-aħjar il-ħin waqt il-*Question Time*. Dan japplika kemm għar-risposti għall-mistoqsijiet li jkunu jidhru fuq l-aġenda kif ukoll għall-mistoqsijiet supplimetari. Dan qed ngħidu peress li l-ħin allokat għall-mistoqsijiet parlamentari huwa ta' 30 minuta u għalhekk kulħadd għandu jifhem, u s-Sedja qiegħda tara li dan isir, li dan għandu jintuża bl-aħjar skrutinju u kawtela u biex ma jkun hemm l-ebda ekwivoku.

Id-direzzjoni tas-Sejda dwar dan qiegħda tagħmel riferenza għall-Ordnijiet Permanenti 26, 27, 32 u 197, kif ukoll għall-Ordnijiet Permanenti tal-*House of Commons* tal-2007, u l-aħħar pubblikazzjoni tal-Erskine May li hija l-24 edizzjoni, paġni 366 u 367. Tagħmel riferenza wkoll għall-Ordni Permanenti 197, diġà ċitat fl-Ordnijiet Permanenti ta' dan il-Parlament, fejn tagħmilha ċara li fin-nuqqas ta' direzzjoni tal-Ordnijiet Permanenti, hija konswetudni li l-Parlament imur għal dak li jiġi deċiż fil-*House of Commons* u riferenzi oħra tal-istess Parlament.

Għalhekk biex wieħed jasal għal dak li għandu jkun kompost fil-mistoqsija u fir-risposta, wieħed għandu mill-ewwel imur għal dak li qal l-istess Erskine May f'paġni 366 u 367 u nikkwota:

> *"An answer should be confined to the points contained in the question, with such explanation only as renders the answer intelligible. ... The length of both the ministerial replies and the supplimentary questions should be curbed ..."*

Fi kliem ieħor ir-risposta trid tkun limitata u ffukata fuq il-punti mqajma fl-istess domanda u li l-ispjega, u allura r-risposta, trid tkun waħda li tinqara b'mod intelliġenti mingħajr ma jkun hemm tul kemm fir-risposta kif ukoll fil-mistoqsijiet supplimentari.

Dan qed ngħidu biex kulħadd ikollu direzzjoni ċara u qed ngħidu wkoll wara li s-Sedja ħadet konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-istess Sedja dak iż-żmien ippreseduta mill-i*Speaker* Louis Galea fl-ewwel deċiżjoni tal-Ħdax-il Leġiżlatura li ngħatat fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2008.